MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 7/2003/1

Rikors Nru: 7/2003

Francesco Fenech

-vs-

Emmanuel Bugeja

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Francesco Fenech fejn jesponi bir- rispett:-

Illi huwa bhala sid ta' cirka tomnejn raba bir- razzett maghha fuq l- ghalqa maghrufa bhala "Tal- Blajjat" fil- kontrada ta' Bingemma sive ta' Zebbiegh limiti ta' l- Imgarr, malta, jikri lill- intimat l- istess raba versu l- qbiela ta' zewg liri maltin (Lm 2 fis- sena pagabbli kul nhar ta' 15 ta' Awissu ta' kull sena, l- iskadenza li jmiss taghlaq fil- 15 ta' Awissu tas- sena 2003;

Peress illi l- imsemmija qbiela baqghet l- istess ghal mijiet ta’ snin;

U peress illi ghalhekk mat- tigdid tal- imsemmija lokazzjoni agrikola l- esponent jixtieq u qed jitlob tibdil fil- kondizzjoni tal- istess kirja fis- sens illi l- qbiela dovuta u pagabbli ghaha ssir mhux anqas minn erbghin lira maltija (Lm40) fis- sena flok Lm 2 fis- sena u dana partikolarment ma ohrajn simili skond kif stipulat fl- artikolu 3(2) (c) Kapp 199 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant l- esponent jitlob bir- rispett illi dan il- Bord joghgbu ghar- raguni premessa jordna t- tibdil fil- kondizzjoni tal- fuq citata lokazzjoni agrikola fis- sens illi qbiela dovuta u pagabbli ghandha ssir Lm40 fis- sena u dana b’ effet mill- iskadenza tal- 15 ta’ Awissu 2003;

Bl- ispejjes kontra l- intimat minn issa ngunt ghas- subizzjoni.

Ra r- risposta ta’ Emmanuel Bugeja fejn jesponi bir- rispett:

Illi r- raba’ ‘Tal- Blajjat’ limiti taz- Zebbiegh, Imgarr, Malta, tal- kejl ta’ cirka tomnejn detenuta mill- intimat bi qbiela ta’ zewg liri Maltin (Lm2) fis- sena pagabbli lir- rikorrent sid, hija raba’ bali utilizzata mill- intimat principalment ghall- qamh u l- ful, u mhijiex adatta ghal kull prodott agrikolu;

Illi l- kwalita’ tal- hamrija mhijiex tajba hafna u ma taghti ebda garanzija ta’ prodott tant illi l- intimat gieli anke mietulu sigar tal- hawh;

Illi l- profondit tal- hamrija hija ferm limitata ta’ cirka pied u nofs fond, u f’ xi nahat tal- ghalqa hija anke nieqsa ghal kollox.

Ghaldaqstant l- intimat bir- rispett jitlob li dan il- Bord jirrspingi t- talba tar- rikorrent ghal tibdil fil- kundizzjoni tal- lokazzjoni agrikola u cie’ li l- qbiela tizdied minn zewg liri Lm2 ghal erbghin lira Lm40 u aktar fis- sena, billi tali

awment mhuxwiex ekwu fil- kuntest tal- artikolu 3(2)c tal- Kap 199 tal- Ligijiet ta’ mata, bl- isepjjez konra r- rikorrent.

Ra d- digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l- P.L. Anthony Mifsud.

Ra r- relazzjoni ta’ l- imsemmija periti li stabbilew il- kera tal- qasam fl- ammont ta’ Lm 12 fis- sena.

Jibdel ir- rata tal- kera minn Lm 2 fis- sena ghall- Lm 12 fis- sena pagabbli kull nhar ta’ 15 ta’ Awissu ta’ kull sena mill- iskadenza tal- 15 ta’ Awissu 2003; spejjez bla taxxa bejn il- partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------